**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' April, 2017

Rikors Guramentat : 176/15 AL

A B f'isimha proprju
u bhala kuratrici *ad litem*
ta' bintha Y B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti A B u l-konvenut C B izzewgu fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fil-knisja parrokjali ta' Marija Bambina, in-Naxxar (Dokument A);

2. Illi huma ghandhom tifla wahda, Y B li twieldet fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghandha sitt (6) snin, u tghix mal-esponenti;

3. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, u l-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghom tkisser irrimedjabbilment bi htija tal-istess konvenut;

4. Illi minkejja l-isforzi kbar li ghamlet l-esponenti biex tilhaq ftehim mal-konvenut dwar is-separazzjoni ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma sehhx minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenut;

5. Illi b'digriet ta' din il-Qorti tat-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015), kif sussegwentement prorogat b'digriet iehor ta' din l-istess Qorti tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi b'kawza ghall-firda personali (Dokument B).

Talbet, ghar-ragunijiet premessi u previa kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(i) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

(ii) tafda l-kura u l-kustodja ta' binthom Y B f'idejn l-esponenti;

(iii) tiffissa r-retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-konvenut ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri Y B, inkluz dawk edukattivi u medici, u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti opportuni sabiex l-istess retta tizdied perjodikament skond l-gholi tal-hajja;

(iv) tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;

(v) tiddikjara li l-appartament internament markat bin-numru tnejn (2), fil-blokk maghruf bl-isem 'Occas Flats', fi Triq San

Publiju, Naxxar, m'ghandux jitqies aktar bhala d-dar taz-zwieg tal-kontendenti;

(vi) tordna lill-konvenut jirritorna u/jew ihallas lill-esponenti, fi zmien lilu prefiss minn din il-Qorti, l-oggetti u l-krediti parafernali kollha taghha;

(vii) tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat, naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u lanqas ma deher għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi għalhekk huwa kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tal-4 t'Ottubru 2016[1].

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti minnhom esebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

[1] Fol. 32 tal-proċess.

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, b'dan illi r-rikorrenti taġixxi f'isimha proprju u f'isem bintha minuri Y.
Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata[2] tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli unikament lilu; Fin-nota ġuramentata, l-attriċi telabora li dawn il-ħtijiet huma x-xeħħa, sevizzji u inġurji gravi u r-rifjut kontinwu tiegħu li jikkontribwixxi għall-bżonnijiet tal-attriċi u ta' binthom minuri; Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali[3], l-attriċi tattribwixxi wkoll fil-konfront ta' żewġha l-ħtija tal-abbandun;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri Y, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħha;
- Rigward manteniment, titlob retta alimentarja għal bintha minuri flimkien mal-ispejjeż edukattivi u mediċi; Fin-nota ġuramentata tagħha, l-attriċi ssostni li l-manteniment għandu jkun ta' €400 fix-xahar. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali hija talbet is-somma ta' €350 fix-xahar li jinkludi l-kontribut tiegħu għall-ispejjeż edukattivi u mediċi;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Titlob li l-appartament internament immarkat numru 2, fil-block bl-isem "Occas Flats" fi Triq San Publiju, in-Naxxar ma jibqax jitqies bħala d-dar matrimonjali;
- Titlob li tiġi assenjata l-beni parafernali tagħha;
- Titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodiċi Ċivili, fil-konfront tal-konvenut;

[2] fol. 18
[3] fol. 145 et seq.

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tal-affidavit tagħha[4], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif lill-intimat C B saret tafu meta kellha biss ħmistax-il sena. Ma bdewx mill-ewwel bir-relazzjoni tagħhom iżda bdew joħorġu flimkien f'Awissu 2003 meta l-attriċi kellha sittax-il sena. Hija kienet għadha l-iskola filwaqt illi l-intimat, li huwa sentejn ikbar minnha, kien jagħmel xogħol tad-dawl ma' ħaddieħor. F'okkażjoni minnhom, temmew ir-relazzjoni għal żmien qasir meta kellhom argument dwar l-impenji tad-drama tal-attriċi, iżda laħqu bilanċ u reġgħu irranġaw.

C ma kellux rapport tajjeb ma' missieru, tant li f'punt minnhom, dana keċċieh mid-dar. Għaldaqstant il-konvenut kien kera flat f'Buġibba, pero` meta missier l-attriċi ra t-taħwid li kien hemm fil-blokk fejn mar joqgħod, offrielu li jħallih joqgħod bla kera fi flat li hu u martu kienu għadhom kemm lestew fin-Naxxar, bil-ħsieb li jikruh. L-intimat fil-fatt daħal joqgħod hemm bla kera fl-2007.

Fl-2008, meta allura kienu għarajjes bil-ħsieb li jixtru post u jiżżewġu, l-attriċi inqabdet tqila. It-tifla Y twieldet fid-9 ta' April 2009. Meta twieldet it-tifla, C ma riedx li din tgħaddi minn dak li kien għadda minnu hu ma' missieru. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet

[4] Ara fol. 24 tal-proċess et seq.

kienet tajba, u kien hemm rispett u fiduċja reċiproka. Minħabba li issa kellhom t-tifla, l-attriċi daħlet tgħix mal-intimat fil-flat tal-ġenituri tagħha, b'kera baxxa ta' €140 fix-xahar. Il-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Novembru 2010.

Xi tlett xhur wara li żżewwġu, bdew jaħsbu biex jixtru l-post tagħhom. Kienu sabu post il-Mosta u saħansitra għamlu l-konvenju għand in-Nutar fil-15 ta' Lulju 2011. Meta kienu sejrin il-Bank biex jitkellmu fuq il-possibilita li jieħdu self, C qal lill-attriċi li probabbilment il-bank ma kienx ser jislifhom għaliex hu kellu d-dejn fuq il-karozza, u ma kienx qed iħallsu. Dan kien ta' xokk kbir għall-attriċi, li kien mingħaliha li C kien tifel bieżel, li jibża' għal flus, u responsabbli. Kif daħlu l-Bank of Valletta, ikkonfermawlhom li C kellu d-dejn magħhom u li ried iħallsu mill-aktar fis. Kellu saħansitra l-kontijiet iffriżati, għaliex kienu bagħtulu ħafna ittri biex iħallas u ma tax każ. Il-ġenituri tal-attriċi offrew li jħallsu huma d-dejn ta' C mal-Bank of Valletta, li kien ilaħħaq l-€10,891.90. Fil-fatt hekk għamlu, u l-partijiet ħallsuhom lura ftit ftit.

Ftit wara, l-attriċi għaddiet lill-intimat flus milli kellha mfaddlin sabiex jibdel il-vann tax-xogħol, għaliex skont hu ma kienx ser jgħaddilu mill-VRT u ried ħafna spejjeż. Pero` l-vann li neħħa xorta baqa' fit-triq. Dak iż-żmien ukoll, kienu marru rġiel iħabbtu d-dar jistaqsu għall-konvenut. Riedu jitħallsu ta' kambjali għal dejn li kellu fuq karozza antika, li lill-attriċi kien qalilha li kien biegħha.

Tispjega li fl-2012, l-intimat beda jaħdem ma' missierha. Ma kienx juriha kemm jaqla' u minkejja li kienu ftehmu li hija taħdem bis-sigħat imnaqqsa (*reduced hours*), u allura taqla' inqas ma kienx jgħaddilha flus. Fl-istess żmien, ir-relazzjoni tal-partijiet marret lura, u l-intimat ftit li xejn baqa' jagħti każ lit-tifla. Kif kien imur mix-xogħol, kien jinħasel, jiekol u jidħol jorqod, daqslikieku l-mara u t-tifla ma kienux jeżistu. Kull meta jitkellmu jispiċċaw bil-ġlied u l-argumenti.

F'Ġunju 2013, l-attriċi saret taf illi l-garaxx tal-Mosta li kien jikri l-konvenut, ħadulu s-sid għax ma ħallsux il-kera. Xtara vann ieħor għax-xogħol u għamillu ħafna spejjeż biex jarmah kif ried

hu. Imbagħad l-intimat twebbel li jixtri dgħajsa. Bdiet taqta' qalbha li qatt ser jaslu biex jixtru d-dar tagħhom għaliex l-intimat malli jara sold f'idejh, kien jivvinta kif iberbqu. Sa Ġunju 2014, ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet kważi spiċċat. Ma jitkellmu qatt, u meta jitkellmu jiġġieldu. Għalih it-tifla kienet qisha ma teżistix. Ġieli argumentaw fil-karozza, u spiċċa jidgħi u jsuq bl-addoċċ, bit-tifla magħhom. Għalhekk l-attriċi ddeċidiet li titlaq mid-dar f'Lulju 2014, bit-tifla u marret għand ommha. Iżżid illi wara li telqet mid-dar, C ħareġ mill-flat ta' missierha.

Permezz tal-affidavit tagħha, omm l-attriċi, **Maria Odette S**[5] ikkorraborat ix-xiehda ta' bintha. Iżżid issemmi inċident illi seħħ fl-għerusija, fejn l-attriċi kienet ċemplitilha mbikkma biex tiftaħ il-garaxx ħa tibqa' dieħla bil-karozza, għax kien qed jiġri C warajha bil-karozza. Tispjega illi sakemm A u C iżżewġu, minn C qatt ma rat għajn ħażina. Ġieli kien jiġi jiġbor lit-tifla hu mingħandhom, għax kien jispiċċa xogħol qabel A, u kien joqgħod jitkellem magħha. L-inkwiet bejniethom beda primarjament meta xtaqu jissellfu mill-bank biex jixtru post u f'dak l-istadju ġie żvelat illi l-intimat kellu dejn mal-Bank li ma kienx qiegħed iħallas.

Iktar tard meta l-intimat beda jaħdem ma' żewġ ix-xhud, binthom A kienet tiġi ssaqsi lil missierha fuq meta tah il-paga, u kemm tah.

Iżżid ukoll inċident ieħor li seħħ fiż-żmien meta l-attriċi ddeċidiet li jisseparaw, fejn C kien saq *wrong way* għal fuq ir-raġel tax-xhud. Darb'oħra l-konvenut ra lix-xhud u qabad jgħajjarha u jitkessaħ waqt li kien qed isuq il-karozza bit-tifla miegħu.

Missier l-attriċi, ossia **M P S**[6], ikkorrabora ix-xiehda li taw kemm martu kif ukoll bintu.

Mix-xiehda ta' **Joanna Bartolo** mill-Bank of Valletta p.l.c.[7],

---

[5] L-affidavit tagħha jinsab fol. 34 et seq.tal-proċess
[6] L-affidavit tiegħu jinsab fol. 37 et seq. tal-proċess
[7] Mogħtija quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016, fol. 92

irriżulta li l-konvenut kellu kont ta' self liema kont kien "listed account" u cioe li ma jkunx tħallasx is-self u l-kont ikun għadda fid-dipartiment tar-*recoveries* tal-Bank. Il-kont ingħalaq fit-3 t'Awwissu 2011 meta tħallas l-ammont kollu dovut. Is-self oriġinarjament kien jammonta għas-somma ta' €8,200.

Jirriżulta mix-xiehda ta' **Dr. Elizabeth Quintano**[8], illi l-konvenut kien instab ħati li fl-20 ta' Settembru 2014, volontarjament ikkawża ħsara lill-vettura ta' M P S, li saq il-vettura tiegħu b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż, u li saq il-vettura fuq in-naħa ħażina tat-triq. Huwa ġie kkundannat disa' xhur priġunerija sospiżi għal tmintax-il xahar u skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur.[9]

## PRINĊIPJI LEGALI

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[10] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 appena ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[11] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**[12],** deċiża mill-Onorabbli

---

[8] Mogħtija fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016, fol. 134

[9] Kopja legali tal-istess sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Doreen Clarke, fit-23 ta' Settembru 2015, hija esebita fol. 137

[10] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[11] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[12] Vol. XLV C.ii.708

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġja` ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja` ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-attriċi tilmenta wkoll mix-xeħħa ta' żewġha fis-sens illi hija kienet trid toqgħod titolbu l-flus għall-għixien tagħha u ta' binthom u dana rarament kien jagħtiha xi ħaġa żgħira, bħal €50.

Illi f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom Speranza Salerno vs. Giuseppe Salerno[13], ġie ritenut:- *"che l'avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".* Fis-sentenza Josephine Bonello pro. et noe. vs. M Bonello[14] jingħad illi *"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili"*.

---

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44,kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta` Novembru 1999, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

Il-Qorti wara li rat l-affidavits u d-dokumenti kollha prodotti, u semgħet ukoll ix-xhieda tasal għall-konklużjoni li l-aġir tal-konvenut kien tali li rrenda l-ħajja konjugali insapportabbli. Huwa ħeba l-introjtu tiegħu minn martu l-attriċi, għamel djun mingħajr ma kienet taf, wisq inqas tat il-kunsensa tagħha, u kien dejjem jaħbu u jigdeb dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Tul iż-żwieġ, il-partijiet iffaċċjaw diversi diffikultajiet finanzjarji minħabba f'dejn li għamel il-konvenut bil-moħbi tal-attriċi. Dana jikkonsisti f'aġir sevizzjuż fil-konfront ta' martu li kkawżalha wkoll inġurja gravi.

Min-naħa tagħha, l-attriċi, kienet tipprova tgħin lill-konvenut, saħansitra bl-intervent tal-ġenituri tagħha li ħallsu d-dejn tal-konvenut, tawh saqaf fuq rasu meta safa mkeċċi, kienu jitimgħuh, krewlhom post b'kera baxxa u saħansitra missier l-attriċi ipprovdielu xogħol u rawmu fuq sengħa ġdida tal-bini. L-attriċi dejjem ħadet ħsieb l-għixien ta' binthom mill-introjtu tagħha, għenitu jirrifondi l-flus tal-ġenituri tagħha, u tatu l-flus parafernali tagħha biex jixtri vann ġdid. Minkejja dan kollu, l-konvenut baqa' qatt ma rabba l-għaqal, anzi pjuttost beda jirreaġixxi negattivament bħal meta saq għal fuq missier l-attriċi u kien isuq bl-addoċċ meta jkollu lil bintu ċkejkna fil-karozza.

Konsegwentement, hija fehma tal-Qorti illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bit-tort attribwibbli lill-konvenut.

## 2. <u>Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri Y</u>

L-attriċi tispjega illi minn meta l-partijiet isseparaw, it-tifla baqgħet dejjem tgħix magħha b'dana illi l-intimat kien imur għaliha kuljum, sakemm ftehmu l-ġranet u l-ħinijiet tal-aċċess. Il-ħinijiet miftiehma bejn il-partijiet u li jirriżultaw min-nota ġuramentata tal-attriċi huma: kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis mill-4.30pm sas-7.30pm. Fi tmien il-ġimgħa, *weekend* wieħed mill-Ġimgħa fl-4.30pm sal-Ħadd fit-8.30am u l-*weekend* ta' wara fil-ġurnata tal-Ħadd mit-8.30am sas-6.30pm.

Omm l-attriċi xehdet illi l-intimat C jieħu lit-tifla fil-*weekends* biss. L-attriċi tikkonferma illi fost il-ġimgħa għandu dritt jaraha u jeħodha, pero' ma jmurx[15]. Ġieli lanqas fil-*weekend* ma jmur.

Din il-Qorti dejjem irriteniet li t-talba ta' kura u kustodja għandha tiġi determinata u deċiża skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri. Wara li din il-Qorti semgħet il-provi kollha miġbura fil-mori tal-kawża, hija moralment konvinta li m'hemm l-ebda detriment fuq il-minuri illi l-kura u l-kustodja tagħha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi kif effettivament qed jiġri fil-mori ta' dan il-proċediment. L-intimat ma talabx li jingħata l-kura u l-kustodja ta' bintu, jew li din tibqa' waħda konġunta. Lanqas m'għamel xi reżistenza għat-talba tal-attriċi li tkun fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bintu. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-attriċi hija denja li tkun fdata bil-kura tal-minuri u li hija taġixxi fl-aħjar interess ta' bintha. Madankollu, deċiżjonijiet ta' natura straordinarja dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri għandhom jittieħdu mill-ġenituri flimkien, jew f'każ ta' emerġenza minn ġenitur wieħed li jinforma lill-ġenitur l-ieħor, mill-aktar fis possibbli.

Dwar l-aċċess illi għandu jkollu l-konvenut mal-minuri, jidher illi l-arranġament bonarju li jeżisti bejn il-partijiet għal tmien il-ġimgħa qiegħed jiffunzjona sewwa fil-biċċa l-kbira tad-drabi. Matul il-ġimgħa, l-intimat m'huwiex qiegħed jagħmel l-isforz neċessarju biex jiltaqa' ma bintu. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi jkun superfluwu li tordna aċċess matul il-ġimgħa biex ma jiġix utilizzat. Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt illi qiegħda tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y esklussivament f'idejn l-attriċi, qiegħda tordna aċċess tal-konvenut versu l-minuri alternattiv bejn *weekend* u ieħor b'dana illi *weekend* wieħed l-aċċess tal-missier ikun mill-Ġimgħa fl-4.30pm sal-Ħadd fit-8.30am u l-*weekend* ta' wara, fil-ġurnata tal-Ħadd mit-8.30am sas-6.30pm.

## 3. **Dwar il-Manteniment tal-minuri Y**

[15] Xiehda tal-attriċi quddiem il-Qorti, fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016, fol. 142, fejn hija ddikjarat illi matul l-ġimgħa l-intimat qata' l-aċċess għal kollox.

L-attriċi qiegħda titlob manteniment għal bintha minuri Y li għandha seba’ (7) snin, dalwaqt tmien (8) snin. Hija ssostni illi l-ispejjeż għall-għixien tat-tifla inkluż l-iskola, tobba u mediċini, dejjem għamlet tajjeb għalihom hi bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha. L-intimat taha €100 darba u €250 kull xahar għal tliet xhur bejn Ġunju u Awissu 2015. Dana wara li ngħata d-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Ġunju 2015[16] fejn l-intimat ġie ordnat iħallas €250 fix-xahar għall-bżonnijiet tal-minuri flimkien ma’ nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi tal-minuri. L-attriċi tinsisti illi l-konvenut qatt ma ħallas xejn mill-ispejjeż edukattivi u mediċi[17]. Inoltre, jirriżulta mix-xiehda ta’ Dr. Elizabeth Quintano[18], illi l-konvenut instab ħati talli ma ħallasx il-manteniment għal bintu, skond id-digriet iċċitat, għax-xhur ta’ Settembru, Ottubru, Novembru, Diċembru 2015 u Jannar 2016. Huwa ġie kkundannat darbtejn xahar priġunerija sospiża għal sena, filwaqt li ġie ordnat iħallas l-istess manteniment.[19]

L-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***.”

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m’hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-

[16] Kopja legali ta’ dan id-digriet huwa esebit fol. 68
[17] Xiehda tagħha quddiem il-Qorti, fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2016
[18] Mogħtija fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2016, fol. 134
[19] Kopja legali ta’ żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Antonio Giovanni Vella, fid-9 ta’ Mejju 2016, huma esebiti fol. 135 u 136

kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

L-attriċi taħdem bħala *accounts clerk* ma' kumpanija privata bis-sigħat imnaqqsa għaliex taħdem bejn it-8.00am u s-1.00pm.[20] Hija tallega illi taqla' madwar €750 fix-xahar minn dana l-impjieg. Madankollu mid-dokument immarkat SC2[21] li huwa l-FS3 tagħha għas-sena 2014[22] jirriżulta li hija qalgħet

[20] Affidavit tal-attriċi, fol. 24 et seq.
[21] Esebit fol. 60
[22] U cioe meta hija bdiet taħdem bir-*reduced hours*

medja ta' €934 netti fix-xahar[23]. Mill-FS3 tagħha għas-sena 2015[24] jirriżulta li hija qalgħet medja ta' €1022 netti fix-xahar[25].

Il-konvenut għandu s-sengħa ta' *electrician* u dejjem ħadem iżda matul il-medjazzjoni beda jallega illi m'għandux dħul tajjeb. Mill-*employment history* tiegħu[26], irriżulta illi l-konvenut ħadem l-aħħar fil-31 ta' Diċembru 2012. "Kien *self-employed* u ddikjara lilu nnifsu *unemployed*." Huwa ma jirreġistrax għax-xogħol u m'għandux interess li jirċievi għajnuna mingħand l-istess aġenzija.

Il-Qorti għandha xiehda quddiemha li tikkontradixxi dan u kuntrarjament tindika li l-konvenut kien qiegħed jaħdem regolarment sija ma' missier l-attriċi kif ukoll mal-persuna li kienet tħaddmu qabel bħala *electrician*. Illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut li kien diżokkupat tirriżulta inveritiera u l-Qorti qiegħda tordna l-komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur Ġenerali tal-aġenzija Jobsplus u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestigaw dan li *prima facie* qiegħed jidher abbużiv.

Dwar l-introjtu tal-konvenut, il-Qorti m'għandha l-ebda indikazzjoni tiegħu u dana stante li huwa kien dejjem iżomm lill-attriċi fl-oskur dwar kemm jaqla'. Lanqas missier l-attriċi, li lejn l-aħħar tal-konvivenza matrimonjali kien iħaddem lill-konvenut bħala lavrant tiegħu, ma żvela kemm kien iħallsu. Xehed biss li daqs kemm kien jaqla' hu, kien jagħti lill-konvenut, minkejja li kellu jgħallmu s-sengħa għaliex ma kien jaf xejn dwar ix-xogħol tal-bini. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu l-kapaċita' li jaħdem u dejjem irnexxielu jdawwar qliegħ medju. Tant hu hekk, li huwa ma jirreġistrax għax-xogħol sabiex mill-inqas jirċievi xi benefiċċji tal-qgħad.

---

[23] €12,582 gross, naqqas €417 taxxa, naqqas €950.04 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali = €11,214.96 ÷ 12 = €934.58

[24] fejn allura l-attriċi ħadmet dejjem bir-*reduced hours*

[25] €13,847 gross, naqqas €607 taxxa, naqqas €970.32 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali = €12,269.68 ÷ 12 = €1,022.47

[26] Esebita minn Joseph Saliba, rappreżentant ta' JobsPlus, fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016, fol. 119

Skond il-prospett esebit mill-attriċi[27], il-minuri teħtieġ ċirka €510 kull xahar għall-għixien tagħha.[28] Dan il-prospett ġie kkonfermat mill-attriċi bil-ġurament fl-udjenza quddiem il-Qorti tas-16 ta' Novembru 2016.

F'dan l-istadju, tenut kont tal-mezzi tal-partijiet u tal-ħtiġijiet tal-minuri, il-Qorti qiegħda tvarja id-digriet tagħha tat-12 ta' Ġunju 2015 billi b'effett mill-preżenti, tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' tliet mija u għoxrin Ewro (€320) kull xahar, bħala manteniment għall-minuri Y, liema ammont preżentement iffissat, jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild minuri. Il-manteniment jitħallas sakemm Y tilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena u fl-eventwalita li hija tibqa' tistudja jew titħarreġ b'mod fiss meta tkun maġġorenni, il-manteniment jibqa' jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm ikollha mpjieg fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-intimat.

L-attriċi tibqa' tipperċepixxi ċ-*children's allowance* u kwalsiasi benefiċċju ieħor dovut għall-minuri.

Dana mingħajr preġudizzju għall-ħlas potenzjalment dovut mill-konvenut lill-attriċi ta' kwalsiasi arretrati ta' manteniment u/jew spejjeż edukattivi u mediċi, sal-preżenti.

## 4. <u>Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-partijiet akkwistaw is-segwenti mobbli matul iż-żwieġ, li l-attriċi elenkat fin-nota ġuramentata tagħha:[29]

---

[27] Dokument immarkat Dokument SC8 Fol.
[28] L-attriċi esebiet ukoll sett ta' riċevuti ta spejjeż relatati mal-minuri li huma mmarkati Dok. PA 3 u li jinsabu fol.89 et seq. tal-proċess.
[29] Fol. 19

- Vettura tat-tip Opel bin-numru tar-reġistrazzjoni KBH605 reġistrata f'isem ir-raġel; Din hija Opel Astra tas-sena 1999, akkwistata mill-konvenut fit-3 ta' Jannar 2012;[30]
- Vettura tat-tip Maruti bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ223 reġistrata f'isem ir-raġel; Din hija Maruti Gypsy tas-sena 2000. Ġiet akkwistata mill-konvenut fit-18 ta' Marzu 2014[31].
- Kontijiet bankarji f'isem il-partijiet;
- Oġġetti mobbli li jinsabu fil-fond ġja d-dar matrimonjali;
- Oġġetti mobbli li jinsabu fil-garaxx li l-konvenut jikri mingħand terzi;
- Djun li l-konvenut seta' għamel *ad insaputa* ta' martu.

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:

- Tassenja lill-attriċi l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat il-mobbli kollha li jinsabu fil-garaxx.
- Tassenja lill-intimat kwalsiasi debitu li huwa seta' għamel mingħajr ma kienet taf martu l-attriċi, fiż-żmien kemm ilhom miżżewġin inkluż kemm ilhom *de facto* mifrudin.
- Tassenja lill-intimat il-vettura tat-tip Maruti bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ223 flimkien ma' kwalsiasi ħlasijiet, djun, penalitajiet u obbligi oħra dovuti għar-rigward tal-istess vettura.
- Tassenja lill-intimat il-vettura tat-tip Opel bin-numru tar-reġistrazzjoni KBH605 flimkien ma' kwalsiasi ħlasijiet, djun, penalitajiet u obbligi oħra dovuti għar-rigward tal-istess vettura.

[30] Fol. 127
[31] Fol. 125

- Tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet bankarji inkluż debiti u dokumenti ta' titolu oħra, intestati f'ismu / isimha;

5. **<u>Dwar id-Dar Matrimonjali</u>**

Id-dar matrimonjali ġiet stabbilita mill-partijiet fl-indirizz Occas Flats, Flat 2, Triq San Publiju, Naxxar. Dan l-appartament jappartjeni lill-ġenituri tal-attriċi, u l-partijiet abitaw hemmhekk billi ħallsuhom kera baxxa ta' €140 fix-xahar. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istess ġenituri, konjuġi S. F'dan l-appartament, preżentement tgħix ir-rikorrenti flimkien mal-minuri Y. Minkejja x-xewqa tal-attriċi illi l-partijiet jixtru d-dar tagħhom, dana qatt ma rnexxielu jseħħ. L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara, illi l-imsemmi fond m'għadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali. Il-Qorti rat illi l-intimat telaq mill-imsemmi fond bil-buona volonta tiegħu u mingħajr ma ġie mġiegħel. Huwa ma vvanta l-ebda pretensjoni fuq l-imsemmija propjeta'. In vista ta' dan kollu, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara illi l-fond Occas Flats, Flat 2, Triq San Publiju, Naxxar, m'għadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet u l-konvenut m'għandu l-ebda drittijiet fuqu.

6. **<u>Dwar il-beni parafernali u dotali tar-rikorrenti</u>**

Dwar l-oġġetti parafernali jew dotali tar-rikorrenti, dawna bl-ebda mod ma ġew indikati jew ippruvati fil-mori tal-proċeduri u għalhekk it-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward ma ġietx minimament ippruvata. Kwindi l-istess talba qed tiġi miċħuda.

7. **<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut</u>**

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenut illi rrenda ruħu ħati ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront tal-attriċi.

Dan it-tort imputabbli lill-konvenut huwa komminat fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza għall-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati mill-Qorti fil-konfront tal-konvenut/a, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[32];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

[32] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati u tistabbilixxi id-data tat-30 ta' Ġunju 2014 bħala d-data minn meta l-konvenut kien ħati tal-firda.

Il-Qorti m'hijiex ser tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tapplika l-istess effetti fil-konfront tal-attriċi għajr illi tiddikjara li bis-saħħa tagħha mal-konvenut.

Inoltre` irid jingħad illi l-attriċi ma talbet ebda manteniment għaliha f'din il-kawża iżda lanqas ma rrinunzjat għalih u dana stante li fin-nota ġuramentata tagħha, hija tippreċiża illi "L-esponenti <u>preżentement</u> mhix titlob manteniment għaliha.[33]" Il-Qorti tħoss illi l-aġir tal-attriċi fiż-żwieġ ma kienx tali li minħabba fih setgħet tilfet mid-dritt tagħha ta' manteniment mingħand il-konvenut u għalhekk, f'każ ta' bdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha, għad għandha l-fakolta` li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut.

## <u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli lill-konvenut;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y f'idejn l-attriċi, għajr għal deċiżjonijiet ta' natura straordinarja dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri li għandhom jittieħdu mill-ġenituri flimkien; L-aċċess tal-missier versu l-minuri ikun alternattiv bejn *weekend* u ieħor b'dana illi *weekend* wieħed l-aċċess tal-missier ikun mill-Ġimgħa fl-

[33] Sottolinear tal-Qorti

4.30pm sal-Ħadd fit-8.30am u l-*weekend* ta' wara, fil-ġurnata tal-Ħadd mit-8.30am sas-6.30pm.

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi is-somma ta' tliet mija u għoxrin Ewro (€320) kull xahar rappreżentanti manteniment għall-minuri u dana taħt dawk il-provvedimenti mogħtija fil-parti tas-sentenza intestata **3.Dwar il-Manteniment tal-minuri Y**;

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:

- Tassenja lill-attriċi l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat il-mobbli kollha li jinsabu fil-garaxx;
- Tassenja lill-intimat kwalsiasi debitu li huwa seta' għamel mingħajr ma kienet taf martu l-attriċi, fiż-żmien kemm ilhom miżżewġin inkluż kemm ilhom *de facto* mifrudin.
- Tassenja lill-intimat il-vettura tat-tip Maruti bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ223 flimkien ma' kwalsiasi ħlasijiet, djun, penalitajiet u obbligi oħra dovuti għar-rigward tal-istess vettura.
- Tassenja lill-intimat il-vettura tat-tip Opel bin-numru tar-reġistrazzjoni KBH605 flimkien ma' kwalsiasi ħlasijiet, djun, penalitajiet u obbligi oħra dovuti għar-rigward tal-istess vettura.
- Tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet bankarji, inkluż debiti, u d-dokumenti oħra ta' titolu, intestati f'ismu / isimha;

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi u tiddikjara illi l-appartament internament innumerat 2, fil-blokka Occas Flats, fi Triq San Publiju, n-Naxxar, m'għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

[6] Tiċħad is-sitt talba attriċi;

[7] Tilqa' is-seba' talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; Tiddikjara li l-attriċi tilfet id-drittijiet suċċessorji talvolta naxxenti miż-żwieġ tagħha mal-konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.